TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/136/15/S

Ing.Anthony Mangion
Vs
Muscat Motors Limited

Illum ta'Jannar,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-Inginier Anthony Mangion ipprezentata fit-30 ta'Gunju,2015 u r-risposta tas-socjeta Muscat Motors Limited ipprezentata fit-23 ta'Lulju,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrenti maghmula fit-3 ta'Dicembru,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda vettura 'second-hand' li regolarment kienet tinxtghel bozza hamra u r-rikorrent kien jehodha ghand is-socjeta intimata ghat-tiswija. Waqt zjara fi Sqallija, il-vettura waqfet u r-rikorrenti kellu jsewwiha f'post fejn waqfet li ma kienx il-post fejn kien ibbukja l-btala;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet **'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited'** moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata ghalkemm wiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, naqsu milli jidhru u jressqu provi;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma tfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega kif wasal ghat-talba mitluba u pprezenta kopji tal-ircevuti u dokumentazzjoni relattiva;

Illi min-naha l-ohra l-intimati ma deherux biex jitfghu dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghtu l-verzjoni taghhom;

Illi ghalkemm il-provi gew mressqa esklussivament mir-rikorrent, ma jirrizultax li l-hsara fil-vettura tieghu hi direttament marbuta mat-tiswijiet maghmula mis-socjeta intimata;

Illi inoltre dan, irid jigi sottolineat li l-mertu hi dwar vettura 'second-hand' u mhux vettura gdida mixtrija minghand is-socjeta intimata;

Illi jirrizulta mill-provi mressqa mir-rikorrent li t-tiswijiet maghmula mis-socjeta intimata qabel l-imsemmija btala fi Sqallija, ma solvewx il-problema fil-vettura tieghu pero ma hemm ebda rabta bejn ix-xoghol maghmul mis-socjeta intimata u x'gara waqt il-btala tar-rikorrent fi Sqallija;

Illi d-decizjoni li tintuza' l-vettura waqt din il-btala, kienet tar-rikorrent u ma jirrizultax mill-provi li s-socjeta intimata accettat jew tat xi tip ta' garanzija dwar dan;

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, it-Tribunal hut al-fehma li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat sal-grad rikjest mill-ligi;

Illi min-naha l-ohra s-socjeta intimata ghandha tirrifondi lura lir-rikorrent is-somma ta' €232.75 rapprezentanti l-kontijiet tat-tiswijiet li saru qabel il-btala li pero ma solvewx il-problema fil-vettura;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Muscat Motors Limited filwaqt li Jichad it-talba tal-Inginier Anthony Mangion b'dan li s-socjeta intimata ghandha tirrifondi lura lir-rikorrent Ing.Anthony Mangion is-somma ta' €232.75 kif fuq inghad, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden. Av.
Arbitru